TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 08 ta' April, 2024**

**Talba Nru: CCT184/23/DS**

**Joseph Abdilla**

**Vs**

**Jason Galea – Liftman Malta Ltd.**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tal-attur pprezentat fid-9 ta' Ottubru, 2023 fejn talab illi s-soċjeta' intimata tħallsu elf u ħames mitt Ewro (€1500) f'danni minħabba illi wara li kien ġie ordnat u nstallat lift mis-soċjeta' intimata u sar kkuntratt bin-numru 20253 u skattat il-garanzija ta' erbgħa (4) snin minn mindu tqiegħed f'postu u sar is-Service Agreement kien hemm sensila ta' pendenzi illi baqgħu irrisolti;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ intavolat risposta fil-15 ta' Novembru, 2023 fiż-żmien stipulat mill-liġi;

Ra illi deher rappreżentant tas-socjeta intimata biex jippreżenta l-pużizzjoni tagħha waqt dawn il-proċeduri;

Sema' x-xhieda tal-partijiet bil-ġurament kif ukoll ħa konjizzjoni tal-provi prodotti mill-istess partijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidra**

Illi a skans ta' elaborazzjonijet dwar pendenzi illi rriżolvew ruħhom waqt il-pendenza ta' dawn il-proċeduri dan it-Tribunal jagħmel referenza għall-fatt illi huwa, bi qbil bejnet il-partijiet, ta' ċ-ċans lis-soċjeta' intimata tagħmel ix-xogħolijiet kollha remedjali illi skont is-Sur Jason Galea hija kienet lesta li tagħmel;

Illi tenut kont li kien hemm dan il-qbil quddiem it-Tribunal l-imsemmi Tribunal mhux ser jgħaddi biex janalizza jekk it-talba hijiex ġustifikata o meno;

Illi mix-xogħlijiet kollha msemmija, l-attur, fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2024, informa lil dan it-Tribunal illi kien fadal biss oġġett wieħed mhux magħmul illi sa l-aħħar seduta kien għadu qiegħed jinsisti fuqu u cioe iċ-ċaqlieq tal-pit stop switch għal metru l'fuq mill-bieb tal-lift hekk kif indikat fl-atti;

Illi jidher illi għalkemm kien hemm firma mill-attur illi x-xogħlijiet saru dan issottometta illi huwa mhux persuna teknika u meta ġab lil min hu tekniku induna li dan kien għadu ma sehhx. It-Tribunal ingħata prova illi fil-fatt dan kien għadu ma sehhx anke jekk is-Sur Galea kien lest illi jagħmlu. Illi għal din is-seduta ma kienx hemm rapprezentanza tas-soċjeta' intimata w'għaldaqstant dak illi ingħat m'huwa bl-ebda mod kontradett.

Illi stante n-natura ta' dawn il-proċeduri u d-dispożizzjoni tas-soċjeta' intimata illi tagħmel ix-xogħolijiet kollha dan it-Tribunal ser jassumi illi dan in-nuqqas kien biss bi żvista u bl-ebda disrispett lejn l-attur jew lejn l-awtorita' ta' dan it-Tribunal w'għaldaqstant ser tikkonċedi lill-intimata żmien ulterjuri sabiex tagħmel l-imsemmija xogħol fi żmien ħmistax -il ġurnata mid-data ta' meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat b'dana illi jekk tali xogħol ma jsirx dan it-Tribunal qiegħed permezz tal-istess sentenza jagħti d-dritt lill-attur jagħmel ix-xogħolijiet permezz ta' operatur ieħor tal-għażla tiegħu a spejjeż tas-soċjeta' intimata;

Illi it-talba tal-atturi hija primarjament waħda għall-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) f'danni materjali illi tenut iċ-ċirkustanzi m'għadhiex aktar verosimili bħala ammont soffert mill-attur.

**Ikkunsidra ulterjorment**

Illi għas-seduta tas-26 ta' Frar, 2026 is-soċjeta' intimata ma kienet rappreżentata minn l-ebda rappreżentant tagħha u lanqas bagħtet rikors biex titlob differiment.

Illi t-Tribunal jagħmel referenza għall-Legislazzjoni Sussidjarja 387.01 Regoli dwar it-Tribunal ghal talbiet tal-Konsumaturi, Regola 12.1 illi tgħid illi '**jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat;**

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa parzjalment b'dana pero' illi jittieħed illi din ġiet limitata għaċ-ċaqlieq tal-pit stop switch għal metru 'l fuq mill-bieb stante illi l-istess attur informa lil dan it-Tribunal, fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2024 illi din hija l-uniku pendenza mhux risolta.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' parzjalment it-talba tal-attur għar-riżarċiment tal-ammont ekwivalenti għall-valur sabiex isiru x-xogholijiet fuq il-pit stop kif imsemmi aktar -il fuq, jekk fi żmien ħmistax -il ġurnata mid-data ta' meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat ma jkunux saru x-xogħolijiet meħtieġa mis-soċjeta' intimata. L-attur għandu jagħmel il-post fejn iridu jsiru t-tiswijiet aċċessibbli għas-soċjeta' intimata fl-imsemmi perjodu. Jekk tali xogħol ma jsirx dan it-Tribunal qiegħed permezz ta' din l-istess sentenza jagħti d-dritt lill-attur jagħmel ix-xogholijiet permezz ta' operatur ieħor tal-għażla tiegħu a spejjeż tas-soċjeta' intimata sakemm dan ix-xogħol ma jkunx wieħed illi jeċċedi fil-valur l-ammont oriġinarjament pretiż minnu fil-kawża odjerna.

Bl-ispejjes u l-imgħaxijiet kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**